# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru 485/2022 LC

**Avukat Dottor Vittorio Emanuele sive Victor Ragonesi (K.I. 0550824M)**
**Joan arma minn Joseph Fleri Soler (K.I. 175137M)**
**Margaret armla minn Emanuel Grech (K.I. 314139M)**
**Maria Tania sive Tania Ragonesi (K.I. 5246M)**
**Roberto Ragonesi (K.I. 147070M)**
**Andrea Ragonesi (K.I. 409668M)**
**Carlo Ragonesi (K.I. 158771M)**
**Anita Ragonesi (K.I. 396566M)**
**Nutar Dottor Hugh Grima (K.I. 0133457M)**
**Avukat Dottor Kenneth Grima (K.I. 0526858M)**
**Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima (K.I. 0082660M)**
**Avukat Dottor Christian Grima (K.I. 0064874M)**
**P.L. Rowena Grima (K.I. 512665M)**
**Dentista Mary Anne mart Avukat Dottor Anthony Farrugia (K.I. 0209562M)**
**Spiżjar Joseph sive JoJo Grima (K.I. 0298164M)**
**Noel Caruana Scicluna (K.I.  746850M)**
**Anna mart John Scerri (K.I. 359858M)**
**Adrian Caruana Scicluna (K.I. 272361M)**
**Ina mart Perit Joseph Grech (K.I. 71164M)**
**Edna mart Stephen Curmi (K.I. 71064M)**
**Anna Caruana Scicluna (K.I. 281357M)**
**Avukat Dottor Mark Caruana Scicluna (K.I. 95887M)**
**Avukat Dottor Andrew Caruana Scicluna (K.I. 161890M)**

**vs**

**Josephine Portelli (K.I. 1009349M) armla minn Reġinald Portelli**

**Awtorita tad-Djar**
**(Pietro Floriani Street, Floriana)**

Illum, 24 ta' Jannar 2024

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Avukat Dottor Vittorio Emanuele sive Victor Ragonesi (K.I. 0550824M) et, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

**I.** Jiddikjara u Jiddeċiedi illi Josephine Portelli (K.I. 1009349M) armla minn Reginald Portelli hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 38, Flat 9, Old Mint Street, Valletta, ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

**II.** Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilina intimata 38, Flat 9, Old Mint Street, Valletta ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.

**III.** Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeċiedi illi ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera għandu jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentaġġ li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1

ta’ Jannar 2022, u ċioe s-sena li matulha ġie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-każ.

**IV.** Jikkundanna lill-inkwilina intimata Josephine Portelli (K.I. 1009349M) armla minn Reginald Portelli tħallas dik it-tali kera hekk likwidata.

**V.** Jagħti dawn l-ordnijiet neċessarji ai termini tal-Artikolu 12B(4) f’każ li l-kerreja ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa in subizzjoni u b’riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista’ talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tad-9 ta’ Awwissu 2022 sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) atturi iridu jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sid uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi tagħhom jekk dan il-fond ġie għand l-awturi b’wirt, jew kopja tal-kuntratt jekk ġie akkwistat inter vivos; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (v) f’każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta ta’ Josephine Portelli (K.I. 1009349M) tas-16 ta’ Awwissu 2022, fejn tesponi li:

1. Illi bla preġudizzju, l-esponenti ma topponix għall-ewwel talba tal-atturi stante illi hija l-inkwilina tal-fond 38, Flat 9, Old Mint Street Valletta;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet għall-perjodi relevanti u dan peress illi kwalunkwe dħul u kapital tal-esponenti huwa ferm anqas minn dak maħsub f'dan l-istess test;

3. Illi la darba d-dħul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas minn dak li maħsub fil-Liġi, m'għandux ikun hemm l-ebda awment u dan senjatament tenendo conto tad-dħul u l-kapital limitat tal-esponenti u għaldaqstant it-tielet talba tal-atturi għandha tiġi miċħuda;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jistabbilixxi ż-żieda fil-kera, fir-rata ta' kera li għandha tiġi ffissata minn dan l-Onorabbli Bord għandu jiġi rifless u kkunsidrat*, inter alia* l-introjtu minimu tal-esponenti u dan kif ser jiġi debitament ipprovat fil-kors tal-kawża;

5. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba l-intimata tiġi kkundannata tħallas it-tali kera hekk kif likwidata mill-Bord, il-Bord għandu jordna illi l-kera tibda titħallas kull sitt xhur bil-quddiem;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-18 ta' Lulju 2022 l-intimata wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Perit Membru tal-Bord, senjatament il-Perit Roderick Spiteri u l-Perit Cleaven Tabone ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi jirriżulta li d-*dante causa* tar-rikorrenti, senjatament Giuseppi u Anna Ragonesi, akkwistaw il-fond *de quo* permezz tal-kuntratt ta' kompro-vendita ppubblikat min-Nutar Dottor Alberto Sigismondo D'Andria fl-14 ta' Ġunju 1950. Illi l-imsemmi Giuseppe Ragonesi ġie nieqes fil-5 ta' Novembru 1976 filwaqt li Anna Ragonesi ġiet nieqsa fis-26 ta' Jannar 1987 u r-rikorrenti huma l-eredi tagħhom.

Illi jirriżulta wkoll li permezz tal-kuntratt ta’ emfitewsi temporanja ppublikat min-Nutar Dottor Victor Bisazza fis-26 ta’ Mejju 1972, l-imsemmi Giuseppe Ragonesi kkonċeda l-fond *de quo* lil Reginald Portelli għal żmien sbatax-il sena li bdew jiddekorru minn dakinhar tal-publikazzjoni tal-Att. Illi mat-tmiem tal-konċessjoni emfitewtika, l-imsemmi Reginald Portelli baqa’ jiddetjeni l-fond de quo b’titolu ta’ kera ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b’xi mod tinnega dan l-istat ta’ fatt u għalhekk il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo* filwaqt li l-intimata hija l-inkwilina effettiva tal-istess.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Josephine Portelli kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Josephine Portelli ma teċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament fir-raba' sular u huwa munit bis-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ li huma funzjonanti.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi relatati mal-fond, inkluż il-valur fis-suq ta' propjetajiet simili u, jew fl-istess żona, l-istat tal-fond kif inhu preżentament kif ukoll il-potenzjal ta' żvilupp kif determinat mill-pjanijiet, policies u linji gwidi viġenti tal-ippjanar, huma tal-fehma illi l-valur tal-fond, li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fis-suq ħieles f'Jannar 2022, jekwivali għal erbgħa mija u ħamsin elf Ewro (€450,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' disat' elef ewro (€9,000) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi Josephine Portelli, armla minn Reginald Portelli hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 38, Flat 9, Old Mint Street, Valletta;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jilqa' t-tielet u r-raba talbiet u jiddikjara illi l-kera tal-fond 38, Flat 9, Old Mint Street, Valletta għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Josephine Portelli għall-ammont ta' disat' elef ewro (€9,000) fi-sena u jordna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad il-ħames talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**